# IN-NAHLA

TA

AUGUSTIN LEVANZIN

RIVISTA PERIODICA ANGLO - MALTIA

BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punetum qui miscuit utile dulci.**
*Gieba zewg dac li gharaf hallat il helu mal mehtieg.*
IL POETA LATIN ORAZIU.

**187 (8)** **IR-RABA SENA** **SOLD BISS**



DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH., LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loggia, Rahal G'did, Malta.

MANAGER U CAXXIER : CARMENU CONSIGLIO
48, It-Triek ta Sant' Anton, il Birgu



ABBONAW *ghand il Prof. Levanzin, fl'Unione Tipografica Maltese, 28, Str. Cristoforo u fil Libreria Critien, Str. Reale, il Belt.*

HLAS—*Erba xelini cull tnejn u hamsin numru ; zewg xelin cull sitta u ghoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru. bil kud diem, posta barrania. Tistghu tibaghtu bhala hlas bolli tat-tlieta*


## MALTIN, NIFTIEHMU CIAR !

*Nemo propheta in patria.*

Huti Maltin, yena ked nicteb dal chelmteyn b'kasma ta kalb l'actar cbira, mux biex niggieled, yew biex noffendi, yew biex ninsulta, yew biex nitlewem, yew biex nitghayar, le, izda biss biex, kabel nihu certi passi decisivi f'hayti li yen quasi decis li nihu, ncun ittrattayt ta ragel onest u sincier maghcom bhala hucom li tant ihobbcom u li yixtiek tant u yrid yecc yista ycun yaghmlilcom hafna gid kabel ma yaghlak ghayneyh ghal deyem, actarx f'art fil boghod minn awn fost li strangieri li deyem tant lakghuni tayeb u ittrattawni ahyar.

Ix-xewka cbira tighi chienet deyem u ghada u tibka sa l'ahhar nifs ta hayti li nkatta il cumplament ta yemi fostcom, li nhalli ghadmi f'din art twelidi li yena tant deyem habbeyt u li ghadni u li nibka nhobb anche a dispett tal ingratitudini u tal kalb chiefra u samma tahha leya. Izda id-destin kalil tighi donnu ma yridx dana, izda yrid ycompli yahkarni u yittrattani hazin sa l'ahhar nifs ta hayti bla ma naf u nista nifem ghala.

Dana ma ux lament izda *a heart to heart talk with you,* tfarrig'a ta kalb midruba u misluha ghal zmien twil hafna minn elf dolur u dispiacir, minn gewa u minn barra, minn elf dakka ta stallett chiefer li tawni dawc stess li yena deyem tant habbeyt u li yena tant ghamilt ghalihom u li yena deyem zammeyt mohbia u midfuna g'o kih il marida kalbi biss biex nistor il demmi u biex ma natix gost lil ghedewa tighi u ta demmi li yaktghn il cursità u yiddevertu bli sfortuna u bil miserya tighi.

Illum, kabel nitbighed minn fostcom ghal deyem, irrid naghmel krara completa u sinciera ta hayti coll'a u bhal ma seyer nistkarr dawc li nahseb li uma htieti coll'a ghax yen tad-demm u il-laham bhal l'ahyar fostcom, irrid ucoll niddefendi ruhi u ismi minn cull tebgha u minn cull hama li tefghuli fuku.

Yena geyt Malta biex nara yecc ux possibili li nibka fostcom u li nkatta il ftit yem li bakaghli naghmlilcom chemm nista gid b'dac collu li ghog'bu yatini Alla il Hanin. Geyt bit-tama kawia li nsib ftit hbieb tassew li yekfu mighi u li yfarrg'uli kalbi mil elf weg'gha li ì midruba bihom, geyt biex generosament nati sahhti, gidi, iddawl li acquistayt b'tant tahbit u sacrifici minn ghand il barrani lil ingrati huti il Maltin yecc yatuni anche l'actar *chance* zghir.

Izda milli fhimt u g'arrabt l'infern ta dat-tliet xur li ili sfortunatament fostcom din ma ìx ir-rieda ta huti il Maltin a dannu tahhom biss; u billi yena ma irridx nimponi ruhi fuk hadd ghax ma yena kighed naghmel xeyn ghal l'ebda scop u interess, quasi iddecideyt li nirtira u li nhalli il popolin malti f'ideyn dawc li yippreferixxi li yghallmuh u ymixxuh u f'dac id-dlam tal-limbu li tant yapprezza u li tant yehu gost bih.

Naf li l'ghedewa tighi u tal popolin yifirhu bla tarf ghal dina l'ahbar li katt ma chienu yistennew minni billi b'ecc yistghu yibkghu yerdghu demm il poplu aghar milli ghamlu s'issa bla ma ycollom hadd min ifixchilom yew ic'anfarom, izda gia la darba dan ù il verdett tal poplu malti quasi collu, gholi u baxx, yena nbaxxi rasi taht dana il *vot ta sfiducia* u nirtira fil boghod f'art actar ospitali u generusa u riconoscenti u fost nies li yapprezzaw il ftit meritu tighi u li yaccettaw dac collu li natihom ghal gid tahhom u ghal li svilupp ta paisom.

Ghalecc yena u la gibt hweygi u lankas il hafna cotba li ghandi Barra, ghalecc yena ma gibtx mighi hlief zewg valigi zghar bin-necessariu biss, ghaliex yena geyt awn biss bhala prova halli nara yecc il Maltin tal lum tbiddlux mil Maltin ta sittax il sena ilu, u nisthi nistkarr li sibtom wisk u wisk aghar, u biex nara yecc demmi u il familyi tighi stess yistghux yoholkuli ambient calm u amichevoli almenu biex inpatti ftit mil hruxia u mil ingratitudini l'actar crudila ta marti u ta uliedi stess.

Le, minn dan collu ma sibt xeyn, anzi collox il cuntrariu, u nhoss kalbi tkattar id-demm meta nistkarr li ma ghandix habib veru wihed biss, ma ghandix awn ruh wahda, wahda biss li thenn ghalia sincerament u disinteressament, li ma tersakx ma dwari u izzighel bia hlief biex tisloh yew tixmec xi hag'a, hlief biex titlob xi piacir yew xi ghaynuna, hlief biex tgharghaxni halli nisfoga l'ugih ta kalbi mahha halli mbaghad vilment u viliaccament tmur twassal, u tigdeb u tghaweg' u tesagera u tahlef anche fil falz, biex iggibni fil ghali u fil bahar kalil tal Krati bhal ma g'rali dal g'ranet.

Naf li Cristu, li yen tant inhobb u nammira u li tighu

## XI LABOR PARTY LEADERS

kieghdin ixewxu u ysahhnu il haddiema tal partit tahhom halli yduru contra tighi u yoboghduni biex icomplu ymix-xuhom minn imniehirom ghall finiet egoistici tahhom tal paniotta mokzieza li tinspirahom.

Yena irrid infihem *ir-rank and file*, il haddiema tal Partit tal Labor, li il partit tahhom ù compost minn erba elementi u li uma ghandom izommu kuddiem ghayneyom deyem tayeb din id-distinzion halli ma yhawdulomx rasom u yfixcluom billi yehduha contra min tassew irid yagh-mlilom il gid u b'ecc isostnu il min irid icompli ymix-xiom fit-triek tal kerk u tal ghama li uma fiha ghad-dannu cbir tahhom.

Il Partit tal Labor ù compost mil haddiema semplici li yiffurmaw il massa tal partit, biex inghid ecc is-suldati semplici, dawc li yohorg'u li speyes biex izommu il partit.

Imbaghad emm il capurali u is-surgenti tad-diversi distretti. Dawna uma actarx nies fierha u vanitusi li yhobbu yizzattu biex yiddominaw il min ù dghayef biex yisso-disfaw il *Complex of Superiority* li uma spinti impulsi-vament minnu u bit-tama li yitilghu fir-rank u yiddobbaw xi lokma b'xi favur mil leaders li yimbottaw il kuddiem u li ysostnu b'hilitom coll'a anche meta dawna il leaders ghandom tort yew ked ikarrku bil haddiem.

Imbaghad emm l'ufficiali li yiffurmaw il Cumitat Ese-cutiv, il Consiglio dei Dieci ta Venezia. Dawn emm bzonn li noforkuom fi tneyn : il ftit u ftit hafna li uma vera-ment onesti u li verament ihobbu u yahdmu ghal had-diem biex ighadduh il kuddiem u dawc il hafna membri tal classi parassitaria-vampira, generalment tal profession, li yindehsu mal haddiem biss ghal vili paniotta u biex yahdmuh bil ghakal u bil finezza coll'a b'mod tali li yu-sawh bhala bicc'a ghodda contra il veri interessi tighu stess u deyem a favur tal classi dominatrici u sfruttatura tahhom.

Emm imbaghad il classi tar-rappresentanti, tal Pupaz-zetti li il Comitat yig'bdilom il hayta biex ibaxxu ir-ras haffiefa li ghandom yew le, u biex yilkghu g'o gheddu-mom id-dakkiet ta siek, u ta harta u l'umiliazioni l'actar baxxi li yoghg'obom ifarfrulom il Lord u specialment il Mi-nistru Bartolo u shabom biss biex yibkghu mwahhlin bhal karnit mas-siggiu tal bellus ghal vili paniotta u ghal li spe-ranza li meta yittrionfa il Labor Party wihed minnom, actarx Paulu B.B.B.B., isir Ministru tas-Sanità bis-£600 fis-sena.

Emm imbaghad il famus Irish leader dac li valoro-sament iddichiara fil Parlament li ghandu yivvota ghall Strickland anche meta dana yaghmel il hazin.

Il dana il leader inhalluh fir-raba categorya biex yif-forma it-*Trinum Esculapianum*, it-tliet professuri tas-Salass publicu.

Yena ma emmx bzonn inghidilcom, ya huti il had-diema tal Labor Party, li yena ma inix ked naghmel yew nicteb yew nahdem xeyn contra taghcom anzi ghal con-trariu ked naghmel collox ghad-difisa u ghall gid taghcom biex nifdicom mil bosta sanghisughi mokzieza u mgewhin li wehlu ma daharcom biss biex yerdghulcom demmcom il ghazis u biex yahdmucom fin fin ghall beneficiu tal classi u tal veru partit tahhom.

Yena maghcom b'ruhi, b'gismi, b'mohhi, bi lsieni, bil pinna u bil but tighi sa chemm naracom immexxia mux actar minn leader strangier, mux actar mis-sanghisughi tal profession, mux actar minn dawc li yiccommerciaw minn fuk spalleycom biex ihaxcnu bwietom il mokzieza anche billi ybehulcom veleni li yekirdulcom ruhcom u gisimcom, mux actar minn colonelli yew minn legali li ma yridux minncom hlief is-sodisfazion tal vanità u il paniotta, izda minn veri rgiel onesti u hbieb tal haddiema biss bhal Longo u xi ihor, halli il haddiem yehu li hakku u yghaddi il kuddiem.

Nitma li tifmuni ucoll li yena ma inix ked nahdem contra il Partit taghcom. Nixtiek li naracom maghkudin f'forma ohra actar adattata biex tistghu tghaddu il kud-diem u tiehdu dac li hakkcom izda ghal issa inhallu dil question fil genb halli nimchien niccumbattu u nishku li ryus ta dawc il hafna lifghat li dahlu g'o nofscom biss biex yerdghulcom demmcom u yirvinawcom ghall beneficiu ta xi partit ihor.

Lankas ma yena ked nahdem contra l'ufficialità baxxa billi dawna uma yew hafna ghomya u inioranti yew mir-chubin mil vili interess biss u allura ma tistax tirragiuna mahhom. Li scop principal tighi ù li niccombatti b'hilti coll'a il dawc il hafna lpup professional u commercial li ricbu il partit u hadu ir-riedni tighu f'ideyom biss ghall mokziez interess personal tahhom tal paniotta yew biex yahdmu il Partit tal Labor ghall vantagg' tal classi tahhom u tal partit tahhom li tahom bhala mission li yidhlu fostcom halli yirvinawcom.

Specialment irrid niccombatti il dawc in-nullità li bil ftit scola tan-nuna li yafu yridu yiffiguraw ta Oracoli mal haddiem baxx u li bil presunzion u inioranza tahhom kieghdin yiccompromettu u yinnawfragaw il partit.

Dawna uma dawc li bnew hayt gholi chemm setghu beyni u beyn il haddiema tal Labor li tant xtiekuni mah-hom u talbuni biex nidhol fil partit mahhom, billi bezghu li yecc yena nidhol fil Partit tal Labor noscuraom, nieh-dilom postom, inwarrabom fil genb, u fuk collox nohrog' candidat yen fl'elezion li geya u b'ecc nahtfilom u intel-lifom il paniotta li ì l'unicu scop u l'unica ragiun li gha-lihom uma marbutin u kieghdin yahdmu ghall Labor Party.

Yena il dawna bi hsiebi niehodom wihed wihed u nsal-labom bi msiemer yicwu fuk il pagini curaggiusi u in-dipendenti tan-*Nahla* halli nuri ciar lill haddiema x'im-habba cbira ghandom dawn it-talin leyn il membri tal partit tahhom, u irrid nibda mil famus leader Savona, li ked yiddandan bil fama usurpata ta missieru u li meta offreytlu minn Monte Carlo ghaxar t'elef lira biex yiccom-batti ghat-trionf tal haddiema, kabel l'elezion, kataghli sal corrispondenza li chien ked izomm mighi ghax baza li meta yena nati dan collu lil haddiema yahtruni bhala il leader tahhom u lilu yg'arrfuh minn fuk is-siggiu tal bellus bil biberun taz-zeyza b'collox. Dan il mischin katt ma chien yohlom li il haddiema chienu gia fethu ghayneyom u li chienu gia lesti biex yisfiduciawh billi ywakkghuh minn emm fuk ghad li shabu tal paniotta sostnewh u zammewh bhala wahda minn dawc li ryus cbar tal cartapesta tal Carnival ghal figura biss.

Dan is-Sanghisug ta flus il poplu li ma ghandux fi-ducia fih ghadu ma katax yesu u ghadu yahdem u yispera li almenu ypappi il paniotta u yissodisfa l'ego infiammat u ulcerat tighu bil balsmu calmanti tas-Senat b'dac li ygib mighu meta is-Senat ù iccundannat mil Labor.

Mela ya haddiema la thallux il dal hafna sanghisughi yibbambocciawcom actar ghal finiet egoistici tahhom ghax altrimenti il Partit taghcom yehu ma ydumx l'ahhar ghadsa u yisparixxi taht l'ilma tal obliu ghal deyem.

Ftacru ucoll li yena il dawn kighed niccumbatti u mux lilcom anzi ked niccombattiom biex nakbez ghalicom u nfittex il gid taghcom biss.

* * *

Nisthayel tistaksuni :— "X'yidirlec li ghandom yagh-mlu f'dal mument criticu biex yohorg'u ta rgiel u yakdu dmircm onestament billi yfittxu biss l'interess tal haddiem li yirrappresentaw ? Yitilku u ywakkghu il Strickland u il Partit tighu ?

Din ì question delicata hafna u wihed ghandu yid-decidiha wara hafna riflession u meditazion.

Chiecu ma chienx emm li Lpup-leaders Nazionalisti u f'locom chien emm leaders li tassew ihobbu u yfittxu il gid ta paisom u mux ta butom biss cont inghid iva bla ma nittituba xeyn.

Izda li nwakkghu il Strickland dal mument biex yid-hlu flocom il Gross, Mizzi, Sir Ugo et similia ncunu wakayna *dalla padella nella brace*, incunu hlisna mil kattara biex wehilna fil mizieb. u ghalecc ma inix tal opinion ii ghal issa il Partit tal Labor ghandu ywakka il Strick-land & Coy. Izda il Puppazzetti tal Labor ghandom yusaw diniità u energya u curagg' li s'issa ghadom ma urew katt. Emm bzonn mux biss li kabel ma yivvotaw com-patti a favur Strickland yuruh li ntebhu bin-nukkas tighu u li yriduh isewih mil actar fis, u mux yiddichiaraw bhal leader bezghan u nofs-imbecillit tahhom li ysostnuh *thru thick and thin, in good things, bad or indifferent* izda li yapprofittaw irwihhom mil posizion vantaggiusa tahhom billi yatuh *ultimatum* inghidu ahna ta sitt xur biex yaghmel xi hag'a sewwa milli wighed u li yecc ma yaghmiliex iwakkghuh minn emm fuk halli il poplu ytalla il min yista yakdih ahyar.

Riguard il Puppazzetti emm bzonn li yatu prova tas-sincerità, tad-disinteress u tal generosità tahhom ghal

l'imhabba tal poplu u tal haddiem specialment u tal partit li tellahhom emm fuk, billi yatu is-salariu tahhom lill Cumitat Esecutiv halli yinholok fond biex dana ycun yista yaghmel il propaganda necessarya biex yiddefendi il partit u imexxih il kuddiem, u yibda ywitti u yheyi it-triek ghal elezion li geya. Yecc ma ysirx ecc, b'dan in-nukkas ta fondi tal partit sgur u bla dubiu ta xeyn li fl'elezion li geya lil Labor Party indokkulu ir-Requiem u id-Dies Iræ.

It-Tabib Boffa specialment imissu yaghmel dana l'ewel wihed u yibda biex yati l'esempiu tayeb billi mux biss yakla hafna flus mil profession tighu billi yicc'argia yebes tassew ghal tabib tal qualità tighu izda ghandu ucoll hafna bini u gid, tant li yislef il flus lin-nies bhal ma nisra nipprovalu. Tghid yaghmlu dan is-sincier?

Mela dal mument emm bzonn ta curagg', dinità, generosità ù lealtà halli il haddiem yakla dac li hakku chif inù sieku fli staffa. Taghmluh ?

## The Crime of Vaccination.

(*Continued from no. 186*)

" (2) WHERE INFANT VACCINATION HAS BEEN PRACTISED THE GREATEST DIMINUTION IN SMALLPOX MORTALITY HAS BEEN IN THE EARLY YEARS OF LIFE."—(Dr. McVail).

It is a fact, as stated by Dr. McVail, that, "previous to the vaccination era, about 90 per cent., or more, of smallpox deaths were in children under ten years old." It is also a fact (not mentioned by Dr. McVail) that in modern times a similar state of things has existed in many parts of India, and this notwithstanding a most zealous resort to infant vaccination. In each case the prime causes may be summed up in three words—poverty, insanitation, and non-isolation.

That the change in the age-incidence of smallpox in this country from childhood to adult life has been in no degree produced by vaccination is proved by the following table, which compares the incidence of fatal smallpox on childhood, youth, and age respectively during :—

(*a*) The great epidemic of 1871-2, when the vaccinal condition of England was at its meridian ;

(*b*) The most recent general epidemic in 1901-4, when the percentage of births vaccinated had fallen considerably ; and

(*c*) The fifteen years, 1908-1922, during which the percentage of births vaccinated had declined enormously.

England and Wales.

| *Period* | *Percentage of total deaths from smallpox falling upon certain age-periods.* | | |
|---|---|---|---|
| | 0-10 | 10-20 | 20- |
| 1871-72 | 47.6 | 13.8 | 38.6 |
| 1901-04 | 26.3 | 9.7 | 64.0 |
| 1908-22 | 20.5 | 6.7 | 72.8 |

" These figures show that the greatest change of age-incidence occurred in the period of least vaccination !" Thus clearly demonstrating that, whatever may have been the cause of the change, it is certainly not vaccination.

Further proof of the fallaciousness of Dr. McVail's contention is afforded by the fact that the change in the age-incidence of disease from childhood to adult life is not peculiar to smallpox ; it has been much more marked in the case of certain other diseases, viz., enteric fever and phthisis, and slightly more marked in the case of deaths from all causes, as shown in the following table :—

England and Wales.

Per cent. of decline in death-rates per million living in the years 1901-1910 as compared with the years 1871-1880.

| | (a) *Under 5.* | (b) *All ages.* | (c) *Increase of* (a) *as compared with* (b) |
|---|---|---|---|
| | *Per cent.* | *Per cent.* | *Per cent.* |
| Enteric Fever | 92.3 | 71.6 | 20.7 |
| Phthisis ... | 57.5 | 48.8 | 8.7 |
| Smallpox ... | 95.7 | 94.3 | 1.4 |
| All causes ... | 27.5 | 25.3 | 2.2 |

Dr. McVail suggests that, because measles and whooping cough are still prevalent amongst children and smallpox is not, vaccination must be credited with the latter fact. It is surprising that it should be necessary to point out the double fallacy involved in this comparison. Unlike smallpox, measles and whooping cough have never been diseases to which adults were liable ; and as they have not been subjected to hospital isolation, the child population (especially since the adoption of compulsory school attendance) has been continually exposed to their infection. Small wonder, therefore, that they are now more prevalent among children than smallpox. The table on p. 32, showing the decline of various zymotic diseases in the City of Liverpool during the past sixty years, also shows that Dr. McVail is quite wrong in suggesting that there has been little or no decline of whooping cough and measles amongst children.

*Published by*
THE NATIONAL ANTI-VACCINATION LEAGUE

(*To be continued*)

—o—o—

## LEVANZIN IL FANFARUN !

*Lil Ginu Muscat-Azzopardi tad-Dr. Xecchec*

Il Professur tal famusa Harvard Medical School, R. Cabot, M. D., wihed mux biss mil acbar tobba tal America izda tad-dinya coll'a ucoll u li ù mux biss id-direttur ta wihed mil acbar sptariet tad-dinya, The Massachusettes General Hospital b'xi elfeyn marid g'o fih, izda ucoll wihed mil actar chittieba mfahhra tal Medicina specialment ghal operi ta Diagnosi tighu li uma icconsiderati l'ahyar li yesistu u li uma tradotti quasi fil lingui l'actar important tad-dinya, chien, mal Prof. Benedict, incaricat mis-sawma tighi. Dan chiteb f'rivista medica :—

"*Prof. Levanzin was a remarkable subject in that he understord and appreciated the meaning of every test made. He not only agreed to all the suggestions made to him, but added others himself as a precaution against any possible failure*".

Il guai tighec, Gin, ù li billi cbirt bhal hafura, iniorant u bla capacità ta xeyn trid tgara il min ù tant superiuri leyc, mischin !

—o—o—

## FRAC U TLAKKIT

— Fi Franza mil 160 casin tal loghob dahhlu fl'1926-27 (xitwa biss) u fis-sayf tal 1927, £3,233,000, wisk actar missnin ta kabel. Dawn il casini kieghdin yizdiedu hafna. F'Nizza, feyn gia emm sitta Frank Jay Gould, il miliunariu american, ked yibni ihor ma J. Aletti u fih ser yonfku nofs miliun liri sterlini. Dal palazz-tal-loghob meravilius se'ysevhulu "The Venetian Palace".

Yecc ma dawn il casini ta Franza nghoddu Monte Carlo allura il profitti mil loghob yitilghu £ 5,300,000. Dawn il flus generalment yitilfuom l'Inglisi u l'Americani.

Il Casino ta Monte Carlo ghamel £1,250,000 mil-loghob biss. Minn cull dawra tar-rulett il Casin yirbah il hamsa fil mia. Fl'ahhar sittin sena tlieta biss rebhu sewwa lil Casin u tneyn minnom reg'ghu tilfu cull ma rebhu. Darnsborough l'american biss zamm li rebah u ma resakx l'emm actar. Il boloh biss yilaghbu emm billi il Casin deyem yirbah fl'ahhar.

— Lil dawc coll'a li talbuni biex yidhlu fil cors tal inglis praticu li cont semmeyt in-*Nahla* irrid ingharrafom li billi ma talbux biex yinzlitbu numru bizzeyed u li il ftit li talbu uma mxerrdin wisk, u billi ucoll yena mhabbat wisk bin-*Nahla*, almenu ghal issa dal cors ma ysirx. Lankas b'xeyn ma issib bizzeyed il min tghallem, mur ara bil flus !

— Ftit ilu il Magistrat Serafin Vella iccundanna lis-Senatur Alex. Mizzi tal " Mercurius " u lis-Sur Goffred Chretien tar-ritratti ta Sda. Reale talli stampaw l'affidavit ta Terinu billi il ligi isseyah mux biss il min yicteb izda ucoll il min yistampa hweyeg' libellusi yew criminali. Billi chien l'ewel reat tahom il 23, igiefieri li yecc yiccommettu l'istess reat ma tul senteyn yehlu il piena coll'a. Appellaw.

## NIXTIEKU NAFU !

1) L'indirizz present tal Cardinal Lafontaine billi' ghandi bzonn niccorrispondi mighu urgentement.

2) Ghala il Prof. Mifsud, Debono, etc., f'loc li katghuli is-sliem bhal vavi ma yistiednunix niddiscuti mahhom il questioni xientifici li ked nicteb fukom fin-Nahla kuddiem publicu intelligent ?

3) Ghala it-tobba tas-Sanità Critien u Bernard ma yiccumbattux apertament l'argomenti u id-documenti tan-Nahla fuk it-tlakkim tal gidri ?

4) Yecc ùx tassew li it-Tabib Boffa B. B. B. B. kal li yena iniorant u yecc iridx niddiscutu publicament il metodi ta cura tighu u ir-risultati tahhom ?

5) X'inì din l'affari ta li stevedores u tan-nies tal faham, li minna, chif gharrfuni, l'ahwa Muscat-Azzopardi kieghdin yakilghu hafna liri cull yum ghal l'imhabba tal haddiem u tal poplu ?

6) Tghid Ginu yatina id-dettalii fix-Xecchec yew emm xi Agent ix-Xatt li yrid ifornini bl'informazioni ghan-Nahla ?

7) X'inuma ir-ragiuni li ghalihom ir-Rettur tal Università ma ippermettilix naghmel conferenza fl'Aula bit-talian, chif talbu il Ministru Bartolo ; u yecc dana yafx b'dan ir-rifiut u yecc hax xi passi biex yatini dana il privilegg' li yintghata tant facilment anche lill frustieri ?

8) Yecc emmx xi wihed mil Cunsilieri li yhoss li ghandu yaghmel interpellanza biex nottienu dawn ir-ragiuni tar-rifiut li la ir-Rettur u lankas Bartolo ma tawni?

9) Xi xtara Lord Strickland bix-xelin u erba soldi bolli tat-tlieta li bghattlu biex inhallas il cont trimestral li baghtuli tal " Progress " wara li tant ctibt u hdimt ghalih ghal tant snin twal u b'sacrificii tant cbar ?

10) Ghala il Cbir Gera De Petri, id-denn rappresentant tal intellettualità tal metropoli taghna, ma chienx civil bizzeyed li almenu yaccusa ricezion tat-talba tighi biex naghmel conferenza fil Costitutional Club ghal tliet xur shah ?

11) Tghid il Comitat ma yridnix, ghad li talbuni hafna membri, u yisthi yew yibza yghid le ?

12) Yecc ir-rapport li ghamilt lill Commissariu tal Polizia fuk l'articolu immorali tal "Ass" ux miexi bhal ma wieghidni bil mictub ?

13) Ghala is-Sur Orlando telak il question religiusa tal Land-Tax fuk il " Hmar "?

14) Ghala it-Tabib Boffa, B. B. B. B. ma ygibilniex branch tal Posta ghal Rahal G'did ?

15) Ghala it-Tabib Boffa u il Ministru Parnis ma yakilghulniex servizz dirett tac-char-a-bancs mil Belt ghal Rahal G'did ?

16) Ghala it-Tabib Boffa ma yabbonax il-Labor Club f'xi kari ta feyda u ynehhi l'alcoolici mil botteghin halli il haddiem ma yahlix flusu u sahhtu floc li yghaddi il kuddiem ?

17) Ghala il "Hmar" u ix-"Xecchec" ma riedux yannunziaw il meetings tighi fuk il Progett Ebeyer u biex inghallem il poplu meta dawn il conferenzi uma specialment maghmula a benefiziu tal haddiem ?

18) Ux tassew li il Marsa emm mal mitt tifel u tifla li ma umiex imorru li scola billi ma emmx wisa ghalihom ghad li li scola i g'dida u ma iliex li mbniet ?

19) Ghala il Gvern li ghandna fil hin li sab tant flus ghaz-zieda tas-salarii u biex ta extra ta ftit eluf ta liri lill Polizia ghadu ma sabx flus biex ikankal ftit tax-xoghol biex ighin il fkir u il maghcus ?

20) Ghala cull ma ked yaghmel il Gvern ù collu a favur tal classi parassitaria ta li sfruttaturi u quasi xeyn a beneficiu tal fkir u specialment tal haddiem ?

21) Min ù l'acbar ghadu ta Malta ?

22) Min ù il Baloss ?

23) Min ù l'acbar geniu tal Partit Costituzional?

24) Min ghandu hila yfisser sewwa il B.B.B.B. ta Boffa?

25) Min ù dac il membru tal Labor Party li darba mar Cordin ghal articolu oxxen li deher fil giornal tighu?

26) Min chien chitbu ?

27) Feyn lahak illum min chien chiteb dac l'articolu oxxen u mokziez ?

28) Tghid il Prof. Gergo yaf min chien chiteb dac l'articolu iffirmat Maria Padella ?

## IT-TILKIM TAL GIDRI

*Lid-Dr. P. P. Agius.*

Tabib,

Yena naf li inti ticteb spiss fil "Hmar" articoli fuk is-Sahha u l'Igiene ghat-tghallim tal popolin u li inti tixtiek, chif tghid, tghin hafna il haddiem. Ghalecc fuk din il question tant important seyer nirricorri leyc biex tghidilna ftit x'inì l'opinion tighec fuk din l'affari u biex nistaksic specialment x'yidirlec mil hafna opinioni ta tobba famusi li yena gibt u ked ingib fin-*Nahla*. Yecc takbel mahhom coll'a yew ma xi uhud minnom nixtiek li tghidilna ma liema u ghala u yecc ma takbilx ma coll'a yew ma xi uhud minnom nixtiek ucoll li onestament u ta ragel u bla biza ta xeyn u ta hadd tghidilna il ghala u li iccita autorità u fatti serii u important bhal ma ked naghmel yena. Taghmlu ? Int taf li fl'Inghilterra dina il-lotta beyn it-tobba u il poplu damet ghal quasi erbghin sena u li wara li saru bosta Royal Commissions il poplu rebah u illum it-tilkim fl'Inghilterra ma ux obligatoryu actar bhal ma ù f'Malta. Ma yiderlecx inti li it-tobba li iccumbattew il battalya fl'Inghilterra chienu nies capaci u competenti, actar competenti minn dawc ta Malta u li ghalecc meta uma ma sabux fatti u argomenti kawia bizzeyed biex yirbhu lankas ma seyrin isibu fatti u argomenti kawia bizzeyed it-tobba ta Malta biex yirbhu ? Yidirlec li dac li ked yicteb *Guine* ù corrett u xientificu u li ua ked yaghmel sewwa li yittratta dil question bl'attacchi personal f'loc bl'argomenti u fl'autorità ?

Tammetti int li it-tilkim ù sifilide modificata yew le? Xi tghid ghal opinioni ta Creighton u Crookshanks ? Ma yiderlecx li la it-tilkim fl'Inghilterra ù volontaryu, ahna ucoll taht bandiera inglisa ymissna ycollna l'istess ligi u mux ligi actar dispotica u drastica ? Ghala *due pesi e due misure* taht bandiera wahda u ghala ma ghandniex nimxu il kuddiem fil progress tax-xienza u tac-civiltà u tal progress ? X'ghandec xi tghid biex tiddefendi yew le il Dr. McVail fuk l'articoli bl'inglis li ked yidru fin-Nahla ? Int ucoll ghandec l'istess opinion tighi u tan-Nahla li ghandu Guine ? Icolloc il curagg' u l'onesta u il gentlhommerie li tirrispondini ghall hbiberia li deyem ureytni f'wicci.

Augustin Levanzin.

—o—o—

## SALMAGUNDI.

— L'isem ta A. Randon ilmahtu fuk hanut f'Bolzano fl'Alto Adige u dac ta Madame Mizzi (Marietta) Leveran f'Merano (Alto Adige ucoll). X'combinazion ! It-tneyn ghandom demm tirolis ! Dr. Cornelio Gozo f'Pavia, Dr. A. Cumbo, Dentista, f'Firenze, Dr. R. Tabone f'Carrara u Vassallo comuni f'Genova.

— L-"in" fl'Ido u fl'Esperanto tfisser il femminin tal chelma maschil. *Homo*-ragel, *Homino*-mara. Fit-tedesc insibu *Kaiser-Kaiserin ; Friseur* (barbier)--*Friseurin ; Schneider* (hayat)---*Schneiderin.Joseph-Josephine* bil francis u bl'inglis---*gallo-gallina* bit-talian, etc.

— Wihed mil actar hweyeg' sbih li emm x'tara f'Milan ù il Museu Poldi-Pezzoli, ftit boghod mit-Teatru della Scala. Il quadri li emm uma famusi tassew bhal ma uma dawc tal Luini, tas-Sodoma, tar-Ribera li Spanyol, tat-Tiepolo, tal Mantegna, tal Bellini, tad-Della Francesca, ta Palma il Vecchio u fuk collox il Madonna tal Botticelli. Milan imbaghad ghanda il Galleria Brera, wahda mil akwa tad-dinya u l'Ambrosiana u il Galleria d'Arte Moderna li uma ghonya f'capolavori d'arte tassew. Ftit boghod emm ic-Certosa ta Pavia li ì tassew tal ghageb u ta min izura. Milan mux biss ì centru ta cummerc cbir u tal cant u l'operi izda tal arti ucoll.

— Is-Sur Juann Mamo baghatli ittra ghan-Nahla sabiha u patriottica tassew izda twila wisk biex ingiba fin-Nahla. Yena cull tant bi hsiebi nistampa paragrafu yew tneyn minna yecc mux coll'a. Ghallum dana :— " Il Maltin li semghuc titchellem f'Rahal G'did, kabel ma semghuc hasbu li int sejjer tcun bhal l'ohrajn colla, li katt ma inti sejjer tehoda contra shabec, igifieri il professionisti, ghad li dawn ma bakghux, mhabba fil ghira cbira illi ghandom lejc, x'ma kalux u x'ma kalghux meta int cont imuarrab takdi dmirec mil gzira u taghmel gih lill art

